# KUMITAT REGJONALI XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 37 / 2012

Data u hin

Il-Laqgha Nru 37/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret it-Tnejn, 22 t' Ottubru, 2012 fis-6.00pm
fl-Ufficcju Amministrattiv ta' Regjun Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Dr Alexiei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Lorry Attard | Kunsillier Birgu |
| Is-Sur Justin John Camilleri | Sindku Isla |
| Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Joe Attard | Sindku Zejtun |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Il-Perit Roderick Spiteri | Sindku Paola |
| Is-Sur Tony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Zabbar
Sindku Kalkara
Sindku M'Scala
Sindku M'Xlokk

**Assenti:**
Sindku Fgura
Sindku Marsa

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.00pm.

Hekk kif wasal is-Sindku tal-Belt, il-President ferrahlu f' isem dawk kollha prezenti peress li kien ghadu kemm thabbar li l-Belt Valletta giet mghazula biex tippartecipa bhala l-Belt Kulturali Ewropeja 2018.

Fl-istess hin, is-Sindku tal-Belt Valletta ferah lis-Joe Spiteri, Vici Sindku tal-Belt Valletta, peress li kien ghadu kemm gie mahtur President tal-European Walled Towns ghat-tlett snin li gejjin. Dawk kollha prezenti ferhu b' din l-ahbar u awgurawlu hidma fejjieda f' din il-kariga.

37.1 **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija l-Minuti tal-Laqgħa Nru. Approvazzjoni tal-Minuti

36/2012 mizmuma fit-22 ta' Settembru 2012 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.
Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

37.2 **Korrispondenza**

37.2.1 Wara li kienet giet prezentata korrispondenza mill-President tal-Emergency Response & Rescue Corps dwar Essential Courses for Your Council Staff and Residents fil-laqgha precedenti, gie deciz li kull Kunsill Lokali ghandu jinnomina 3 persuni mill-lokal taghhom biex jattendu korsijiet intizi biex dawn ikunu preparati kif jghatu jew jikkordinaw ghajnuna f' emergenza. Korsijiet Emergency Response & Rescue

37.2.2 Fil-11 t' Ottubru 2012 giet cirkolata Memo 38/2012, Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013, fejn il-Kunsilli Lokali ghandhom jipproponu inizjattiva biex jigi promwov l-identita' u l-izvilup kulturali. L-applikazzjonijiet ghandu jigu mghodija lir-Regjun li wara jigu mehuda lid-Dipartiment. Memo 38/2012

37.3 **Punti Mqajjma**

37.3.1 **LES.**

37.3.1.1 **Tabelli ma' *play areas* - Projbit it-Tipjip** Tabelli Tipjip Projbit fi *play areas*
L-Authorised Officers prezentaw ir-rapporti taghhom u fejn kien hemm xi haga x' seta' jigi rrangat gie komunikat lill-Kunsilli Lokali koncernati u ntalbu feedback. Wara diskussjoni imqanqla, dawk prezenti qabblu li ghandhom jitwahhlu tabelli ma' kull dahla kif ukoll fic-centru ta' kull *playing field* li taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill. B' hekk gie ccarat li jittiehdu passi biss fuq dawk li jkunu fil-*play area*.

37.3.1.2 **Servizz ta' Wardens fil-Marsa bejn Marzu u Mejju 2012** Warden Services Marsa
Regjun Xlokk ircieva korrispondenza minghand Aurelia Enforcement Ltd. Veru li kien deciz li ma kienx rikjest servizz minhabba li kien ghaddej xoghol infrastutturali kbir u s-Segretarju Ezekuttiv kienet ikkomunikat dan permezz ta' korrispondenza elettronika mal-Authorised Officer dwar dan, biss gie meqjus minn dawk prezenti li l-kumpanija xorta tat servizz u dawn iddecidew li l-hlas rikjest ghal dan il-perijodu ghandu jithallas meta jkun possibbli.

37.3.1.3 **Servizz ta' Wardens fil-Belt Valletta** Servizz ta' Wardens fil-Belt Valletta
Saret prova ghall-provista ta' sieghat kif mitluba mill-Kunsill Lokali tal-Belt li kienu jammontaw ghal aktar minn 200 siegha. Hemm inhawi fejn dawn il-Wardens jahdmu f' pari ghas-sigurta' taghhom kif ukoll meta jkunu f' hidma ta' ECO Wardens u wara nzul ix-xemx.
Meta wiehed iqis in-numru mizeru tal-kontravenzjonijiet li nhargu mqabbel ma' l-ammont fl-invoice li rcieva r-Regjun (madwar €21,000 f' Settembru), wiehed malajr jara li dawn is-sieghat ser ifallu lir-Regjun. Jidher li dawn il-Wardens mhux qed jaqdu dmirhom kif suppost - fi kliem is-Sindku tal-Belt il-Wardens huma '*inexistant'*. Jekk hemm bzonn, tinhareg default notice fuq talba tal-Authorised Officer.
F' dan il-mument, ir-Regjun zgur ma jiflahax ihallas dawn l-ammonti u ghalhekk il-Kunsill Lokali tal-Belt ser jigi offrut biss 80 siegha.

37.3.1.4 **Tender Warden Services**

L-appell prezentat minn Aurelia Enforcement Services Ltd fl-24 t' Awissu 2012 quddiem il-Public Contract Review Board sal-lum ghadu ma giex appuntat. Tender Warden Services

37.3.1.5 **Tender Authorised Officer Services**

Gie deciz l-appell prezentat minn Synthesis Management Services Ltd quddiem il-Public Contract Review Board fit-8 t'Ottubru 2012 (Case 441). Dan il-Bord iddecieda li l-ghazla ghandha tigi annulata u li jerggha johrog mill-gdid fir-Regjuni kollha barra f' Ghawdex. Ir-raguni principali kienet li harget kopja ta' dan it-Tender qabel ma gie pubblikat li setghet tat vantagg lil wiehed mit-Tenderers. Ghadejja korrispondenza bejn is-Sur Maurice Caruana u s-Segretarji Ezekuttivi tar-Reguni sabiex issir laqgha mad-Direttur (DLG) biex jerggha jinhareg dan it-Tender filwaqt li jigu kkunsidrati l-kummenti ta' dan il-Bord. Tender Authorised Officer Services

37.3.1.6 **Haddiema tat-Tribunali**

Illum fil-ghodu saret laqgha ohra ma' Relos Services Ltd biex gew kjarifikati ahjar il-kundizzjonijiet tal-haddiema tat-Tribunali tal-Fgura u taz-Zejtun. Relos Services Ltd ser thallas lil dawn il-haddiema ghas-servizz li taw mix-xahar t' Ottubru 2012. Ghalhekk issa ghandu jigi mgharraf id-Direttur (DLG). Haddiema tat-Tribunali

37.3.1.7 **Tribunal tal-Belt**

Regghet saret referenza ghall-korrispondenza tal-11 ta' Settembru 2012 tac-Chairperson tal-Kumitat tat-Tmexxija (Sistema ta' Infurzar Lokali) fejn ir-Regjun gie mgharraf li t-talba biex jinghalaq it-Tribunal tal-Belt kienet valida izda ma gietx milqugha mill-Ministru peress li dan it-Tribunal ser jibda jahdem mill-fond il-gdid tal-Kunsill Lokali tal-Belt. Tribunal tal-Belt

Meta mistoqsi mill-President, is-Sindku tal-Belt Valletta ma tax data meta l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ser imur fil- bini amministrattiv il-gdid, kif kien imsemmi mis-Sur Caruana u li kellu jibda jopera minnu t-Tribunal skond il-ligi - izda ta indikazzjoni li kien fil-qrib.

Il-President reggha tenna li sal-lum dan it-Tribunal ghadu mhux qed jopera skond il-Liġi – (S.L. 291.02) u li r-Regjun diterminat li jopera minn post wiehed centrali bi Tribunal wiehed biex jigi kontrollat l-infieq u l-amministrazzjoni.

Dawk prezenti wrew it-thassib taghhom u riedu jkunu jafu min ser jerfa din ir-responsabilita' – liema thassib ghadhu jigi trasmessa lis-Sur Caruana immedjatament.

37.3.1.8 **Tender ghal servizz ta' Prosekutur ghat-Tribunal Lokali taz-Zejtun**

Il-Kumitat tal-agudikazzjoni ta' dan it-Tender kompla bl-agudikazzjoni u fil-fatt iltaqa mat-Tenderers u s-sostituti taghhom il-gimgha ta' qabel. Dan il-kumitat qed jiehu prekawzjonijiet u jfettaq sabiex jigi evitat kemm jista' jkun li jkun hemm lok ta' xi appell – haga li qed ittellef lir-Regjun biex jibda trieqtu b' Tenders godda. Tender Prosekutur Tribunal Lokali -Zejtun

37.3.1.9 **ECO Wardens**

Bhalissa ghaddejin laqghat minn kumpanija tal-Wardens, flimkien mal-Authorised Officer tat-Tribunal tal-Fgura u z-Zejtun mal-Kunsilli Lokali biex isir gharuf il-htigijiet, esigenzi u problemi ambjentali partikolari taghhom minn dan l-aspett. ECO Wardens

L-Authorised Officer (Fgura-Zejtun) ghandu jipprepara rapport u feedback wara dawn il-laqghat.

S’ issa rrizulta li hafna ma qabblux mal-hinijiet offruti pero ma jistax ikun li l-Kunsill Lokali ikollhom hinijiet indaqs. Sar ftehim sabiex meta jkun imiss lilhom, dakinhar filghodu kull Kunsill Lokali ghandu jkollu mhejji il-postijiet li jippretendu li jduru l-ECO Wardens.
Dawn il-Wardens jahdmu f’ pari - Gie a konjizzjoni tar-Regjun li dawn l- ECO Wardens qed ikunu mwassla fil-lokalita’ b’ karozza u mhollija hemm sakemm jergghu jigu ghalihom. Ghandha ssir indagini sabiex isir maghruf jekk ir-Regjun hux jigi invoiced ta’ zewg Wardens peress li f’ Regjuni ohra il-hlas isir ghal Warden wiehed u l-iehor bin-nofs.
Waslu l-ewwel invoices dovuti ghall-ECO Wardens, u meta wiehed iqis in-numru mizeru tac-citazzjonijiet mahruga wiehed malajr jinduna li s-sistema mhiex trendi. Hemm falliment totali tal-Wardens li mhumiex juru motivazzjoni b’ konsegwenza li qed ifallu finanzjarjament lir-Regjun.
Matul Settembru, il-Wardens ta’ Sterling Security Ltd hargu biss 98-ic citazzjoni.

37.3.1.10 **Speed Camera – Kunsilli Lokali Haz Zabbar, iz-Zejtun u l-Furjana** Speed Cameras
Saret laqgha Transport Malta mas-Sur David Sutton il-Hamis, 27 ta’ Settembru 2012 fejn gie diskuss l-applikazzjonijiet ghall-speed cameras. Jirrizulta li d-dokument prezentat minn Transport Malta fit-13 t’ April 2012 dwar National Speed Policy ghadu mhux finalizzat. Ghalhekk Transport Malta talbet lir-Regjuni sabiex jinfurmawah dwar applikazzjonijiet minn Kunsilli Lokali li lahqu saru mill-2010 sabiex issa jkunu jistghu jigu processati minn dipartiment wiehed fi hdan Transport Malta u jinhatar Management Committee specjalizzat f’ dan il-qasam li ser ikun kompost minn ufficjali ta’ Transport Malta, tal-Pulizija, tal-LES Steering Committee u mir-Regjuni.
L-applikazzjonijiet li saru mill-Kunsilli Lokali ta’ Haz Zabbar, iz-Zejtun u l-Furjana ghadhom ma jistghux jigu processati peress li sal-lum Transport Malta ghada ma ffinalizatx din il-formola. Tqassmet tabella li turi l-kriterji li twassal biex jinghazel l-ahjar mekkanizmu biex jigi kkontrollat is-sewqan veloci.

## 37.4 <u>Affarijiet Finanzjarji</u>

37.4.1 **Hlasijiet** Hlasijiet
Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*.

37.4.2 **Rapport Finanzjarju Q2 – 1 t’April 2012 sat-30 ta’ Gunju 2012** Rapport Finanzjarju Q2
Kopji ta’ dan ir-Rapport tqassmu permezz ta’ e-mail lill-Kunsilli Lokali kollha u lis-Sindki li taw l-indirizz eletroniku taghhom lir-Regjun. Dawk prezenti unanimament approvaw dan ir-Rapport.

## 37.5 <u>Affarijiet Ohra</u>

37.5.1 **CCTV Camera fi Pjazza de Paule - Paola** CCTV Paola
Il-Kunsill Lokali ta’ Paola prezenta talba formali li tinkludi r-raguniijiet ghaliex ghandha titnehha din il-*camera*.
Wahda mir-ragunijiet kienet li residenti u bejjiegha fi Triq l-Arkata inghataw citazzjonijiet allavolja dawn suppost li huma ezentati. Hawnhekk ta’ min jinnota li lista aggornata kienet ilha tintalab mir-Regjun xhur shah u waslet biss f’ April 2012 minghajr data u wara hafna reminders giet sottomessa f’ Lulju 2012. Wiehed isib li Prosekutur Tribunal Zejtun

mill-ewwel ta' Jannar sal-lum inhargu biss 19-il citazzjoni lil dawn erronjament meta dan seta' jigi evitat kieku din il-lista inghatat meta ntalbet originarjament.
Wiehed ukoll jistaqsi allura wara dawn is-snin kollha li ilha hemm din il-camera, issa qed igergru tal-hwienet ?
Intqal ukoll li sahhansitra anke meta jitwasslu anzjani ghall-quddies bdew jinghataw citazzjoni.
Il-maggoranza ta' dawk prezenti qabblu li din il-camera ghandha titnehha. Ir-Regjun ghalhekk ghandu jiehu l-passi necessarji biex tinqala.

37.5.2 **Hlas tal-Kera tal-Arkivju tat-Tribunal tal-Fgura.** Kera Arkivju Tribunal Fgura

Dawk prezenti qabblu li dan il-fond ghandu jinkera ghal-sena ohra minghand is-Sur Ralph Farrugia versu l-kera ta' €419.28 meta wiehed iqis li ma kienx hemm zmien biex jinstab post akbar alternattiv.
Pero' irid jigi assigurat li fil-ktieb tal-kera ghandu jigi indikat minn min qed isir il-hlas u n-numru u/jew il-konfini tal-fond.
Ghandu jsir kuntatt mal-Arkivju Nazzjonali sabiex jittiehed parir jekk jistghux jitnehhew dokumenti li ghandhom aktar minn ghaxar snin u jinzammu biss dawk li sa dan il-perijodu ghad ghandhom hlasijiet pendenti.

37.5.3 **LTD** LTD

Is-Segretarju Ezekuttiv semmiet li Datarak ghadha qed tadhem fuq l-ezercizzju biex jkunu jistghu jigu generati rapporti li jkunu juru l-ammonti dovuti lir-Regjun mill-1 ta' Settembru 2011 sa' Lulju 2012 u hekk ikunu jistghu jigu rikoverati minghand il-Kunsilli Lokali tar-Regjun u jigu mghoddija lir-Regjun filwaqt li infurmat lil dawk prezenti li kien fil-fatt ghadda hlas tal-LTD ghax-xahar t' Awissu 2012.

37.5.4 **Sorveljanza ma' skejjel waqt li jkun dehlin jew hergin it-tfal.** Sorvelljanza ma' skejjel

Gie a konjizzjoni tar-Regjun li xi Kunsilli Lokali (Fgura u Valletta) kienu qed jipprovdu a spejjez tar-Regjun, sorveljanza u/jew TMS ma' skejjel meta t-tfal ikun dehlin u/jew hergin minn l-iskejjel. Dan is-servizz hu responsabilita' tal-Kummissarju tal-Pulijzija. Pero' jekk hemm xi Kunsilli Lokali li jridu jipprovdu dan is-servizz (TMS) allura jistghu jaghmlu dan a spejjez taghhom. Kienet diga' ghaddiet korrispondenza ma' l-Authorised Officers fit-2 t' Ottubru 2012. Dawn infurmaw lir-Regjun li l-Fgura biss kienet qed tuza s-servizz a spejjez tar-Regjun waqt li servizz ghall-skola tal-Knisja fil-Belt kienet qed issir a spejjez tal-Kunsill Lokali tal-Belt. Fit-3 t' Ottubru 2012, il-Kunsill Lokali tal-Fgura intalab biex jaghmel komunikazzjoni mal-Kummissarju tal-Pulizija minghajr dewmien biex isiru arrangamenti u jibda jinghata dan is-servizz minnufih fl-interess suprem tat-tfal.
Gie deciz li dan is-servizz issa ser jigi terminat minnufih u dawn il-Kunsilli Lokali ser jigu mgharrfa b' dan ghada stess.

37.5.5 **Hlas ta' Citazzjonijiet fit-Tribunali** Hlas ta' Citazzjonijiet fit-Tribunali

Ir-Regjun talab informazzjoni permezz ta' e-mail dwar kemm thallsu flus fit-Tribunali Regjonali minn citazzjonijiet ghall-perijodu minn Settembru 2011 sa Settembru 2012.
Fit-Tribunal tal-Fgura ingabru € 3,282.95 f' cash u €480.18 f' cheques.
Fit-Tribunal taz-Zejtun ingabru €12,089.48 f' cash u €44,483.85 f' cheques - biss dawn jinkludu hlasijiet li jkun ircieva r-Regjun fl-Ufficcju tieghu.
It-Tribunal tal-Belt ma rrispondewx. Meta saret komunikazzjoni bit-telefon, ir-Regjun gie nfurmat verbalment li mit-Tribunal tal-Belt ilhom ma jingabru flus ta' kontravenzjonijiet waqt is-smiegh tat-Tribunal ghal snin twal u li l-pubbliku jigi nfurmat biex ihallas fil-Kunsilli.
Ir-Regjun gie mitlub li din il-korrispondenza tigi kommunikata fuq indirizz eletroniku personali pero' r-Regjun jirrifjuta li jigi uzat indirizz eletroniku personali ghall-xoghol

ufficjali. Gie nnutat li l-indirizz eletroniku tat-Tribunal tal-Belt ghadu ma giex re-attivat allavolja f' Awissu 2012 kien gie mitlub biex jaghmel dan.
Ta' min jinnota li fuq dawn l-ammonti migbura mit-Tribunali, ir-Regjun ma jhallasx Administration Fee (10%).

37.5.6 **Overwitten Contraventions fil-Furjana** Overwritten Contravention Floriana

Ir-Regjun ilu xi gimghatejn jircievi lmenti regolari mill-pubbliku, diversi f' gurnata, li kienu gew immultati ammont talli kellhom seduta fit-Tribunal tal-Belt u m' ghattendewx. Kollha qalu li qatt ma rcevew xejn. Ghalhekk saret kuntatt ma' Datatrak fejn irrizulta li mill-inqas sa minn Lulju 2012 sa Awissu 2012 s' issa kien hemm madwar 70 citazzjoni li nhargu b' data zbaljata fejn karozza tidher fuq isem persuna li mhiex sidha u ohrajn li qatt ma sabu citazzjoni mwahhla u jkun jafu biss li kellhom citazzjoni meta jigu infurmati li kellhom Tribunal u ma dehrux u l-multa tkun gholitilhom.
Is-Sindku tal-Furjana qal li qabel ma kienux jidhlu ilmenti.
Meta kompliet tinqara l-korrispondenza ta' Datatrak, intqal li din ma kienitx l-ewwel darba li kien hemm kwistjoni dwar citazzjonijiet mahruga minn Aurelia Enforcement Ltd u li din tal-overwritten contraventions grat drabi qabel (l-apparat jintuzalhu HHC 1 ta' apparat simili iehor).
Il-kumpanija involuta kienet giet infurmata minn Datatrak x' kien qed jigri, pero r-Regjun qatt ma gie nfurmat minn hadd – ir-Regjun tilef mid-dhul tieghu peress li hadd ma kien ser ihallas citazzjoni li turi numru ta' karozza li mhiex tieghu.
Ghalhekk diga intalbet statistika lill-Datatrak sabiex jigi maghruf kemm kien hemm minn dawn l-overwritten contraventions.
Intalab mill-Authorised Officer kemm dahlu petizzjonijiet relattivi ghall-dan il-perijodu u kemm minnhom gew decizi kontra r-Regjun u
Kemm minn dawn li dehru quddiem it-Tribunal gew decizi kontra r-Regjun biex b ' hekk jigi stmat kemm mar minn taht ir-Regjun minhabba nuqqas ta' din il-kumpanija.
Wara li din l-informazzjoni tigi migbura u jigi stmat it-telf, issir komunikazzjoni mal-Authorised Officer u l-kumpanija sabiex jigi deciz min ser jaghmel tajjeb ghall-ispejjez involuti kif ukoll ghat-telf ta' dhul ghar-Regjun.

37.5.7 **Knock-Out Football Tourament – Tazza Regjun Xlokk** Kompetizzjoni Football Knock-Out

Saret komunikazzjoni mal-Kunsilli Lokali kollha fejn intalbu jghatu l-ismijiet ta' football teams mhux professjonali fil-lokalita' taghhom, u kienu biss tlett kunsilli li ma rrispondewx.
Is-Sindku tal-Furjana isugerixxa li issa ghandu jintghazel membru minn kull Kunsill biex jigi ffurmat sottokumitat sportiv u jigi mfassal dan in-knockout. Ghalhekk ghal dan il-ghan ser issir laqgha fl-1 ta' Novembru 2012 fl-ufficju tar-Regjun.

37.5.8 **Protesta Dock Nru 1 - Kunsill Lokali Bormla** Protesta Dock Nru 1

Is-Sindku ta' Bormla informa lil dawk prezenti li l-Kunsill Lokali ta' Bormla ser jorganizza protesta nhar is-Sibt 27 t' Ottubru 2012 dwar l-inkonvenjenza u d-dewmien fil-progett ta' DOCK Nru 1 peress li x-xoghol mixi ftit li xejn, jigu granet fejn lanqas tara persuna wahda fuq il-lant tax-xoghol waqt li l-ebda dipartiment tal-Gvern mhu jiehu hsieb it-tindif ta' din in-naha. Iz-zmien meta dan il-progett kellu jkun lest ghadu jiggebbed u issa gie mgharraf li forsi jkun lest sa sena ohra. Ir-resident ma jifilhux izjed f' din is-sitwazzjoni li hi wkoll ta' periklu ghalihom.

37.5.9 **Insurance ghall-Ufficju Regjonali**

Peress li l-assi tar-Regjun issa zdiedu, dawk prezenti qabblu li ghandha tittiehed polza ta' assikurazzjoni. Ghandha ssir sejha ghall-kwotazzjonijiet. Kwotazzjoni Insurance Policy

37.6 **<u>Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament</u>**

Il-Laqgħa ntemmet fid-9.00 pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm it-Tlieta, 20 ta' Novembru 2012, fis-6.00 pm, fil-boardroom ta' Regjun Xlokk. Gheluq

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Chev. Paul Farrugia | M' Lourdes Lautier |
| President | Segretarju Ezekuttiv |

Minuti approvati llum _______________, ______ ta'__________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar